*-kumpens minħabba dewmien mhux raġonevoli fi proċeduri ġudizzjarji*

*-jingħata kumpens kemm materjali kif ukoll morali*

# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## SEDE KOSTITUZZJONALI

## IMĦALLEF

## ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.

## ILLUM, 11 ta' Frar, 2021.

## R/ikors Nru. 176/20GM

## Michael Debarro KI Nru 286681M

## Monica Debarro KI Nru 356460M

## vs

## Avukat tal-Istat

**Il-Qorti,**

IT-TILWIMA

Permezz tar-rikors kostituzzjonali tagħhom, ir-rikorrenti qegħdin jallegaw li sofrew danni minħabba dewmien f'kawża ċivili li fiha kienu konvenuti minħabba li fost oħrajn ġew imġiegħla jħallsu interessi żejda u bla bżonn bejn il-bidu u t-tmiem tal-kawża. Dan irriżulta fi problemi finanzjarji kbar għar-rikorrenti.

Għalhekk talbu lill-Qorti sabiex:

**1. Tiddikjara u tiddeċiedi** li d-drittijiet tar-rikorrenti għal smigħ xieraq fi żmien raġonjevoli, hekk kif protett mill-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bnidem, ġew vjolati bid-dewmien tal-kawża ċivili fil-konfront tagħhom li damet 19-il sena u 18-il-ġurnata.

**2. Tillikwida** ammont ta' danni pekunarji u non-pekunarji sofferti mir-rikorrenti kawża tal-leżjoni tad-dritt għas-smigħ xieraq u

**3. Tikkundana** lill-intimat Avukat tal-Istat iħallas is-somma hekk likwidata.

Bl-ispejjeż kontra l-intimat.

L-Avukat tal-Istat eċċepixxa illi:-

1. Huwa paċifiku kif konstatat anke mill-ġurisprudenza lokali kif ukoll dik tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem li l-fatturi li prinċipalment għandhom jittieħdu in konsiderazzjoni sabiex jiġi determinat jekk is-smiegħ ta' proċess eċċediex il-parametri tas-smiegħ fi żmien ragjonevoli huma l-komplessita' tal-każ, l-aġir tal-partijiet fil-kawża u l-aġir ta' l-awtorita' jew awtoritajiet relevanti – f'dan il-każ l-aġir ta' awtorita' ġudizzjarja. Għalhekk, skond il-ġurisprudenza assodata kemm nostrali kif ukoll dik Ewropeja, sabiex Qorti tasal għal konkluzjoni dwar jekk kienx hemm ksur tad-dritt ta' smiegħ xieraq fi żmien raġonevoli, il-proċedura ġudizzjarja mertu tal-allegazzjonijiet trid tkun eżaminata fl-assjem tagħha u ma jistax ikun eżaminat biss element jew parti waħda minn din il-proċedura.

2. Ma jidhirx li kien hemm xi nuqqas mill-esponent peress li hu ma kien involut bl-ebda mod fil-kawża in diżamina u għalhekk jirriżulta b`mod ċar li l-esponent irid iwieġeb għal-mod kif mexxew il-kawża il-Qrati tagħna.

3. Hu aċċettat illi ma hemm l-ebda 'time limit' li Qorti trid bilfors tosserva fil-kors tal-proċeduri quddiemha għax altrimenti l-interessi tal-ġudizzja jiġu pregudikati minħabba għaġġla żejda u inkonsulta.

4. Sabiex dina l-Onorabbli Qorti tkun tista' tikkonsidra b'mod serju t-talba tar-rikorrenti jrid jiġi ppruvat illi mhux biss il-każ dam pendenti iżda li tali dewmien huwa wieħed kapriċċuż u ntiż biex jiżvantaġġahom fit-tgawdija tad-drittijiet tagħhom skond il-Liġi.

5. Sabiex jiġi determinat jekk kienx hemm dewmien irraġjonevoli, kull każ irid jiġi studjat fuq il-mertu tiegħu u fil-kumplessivita' tiegħu u fil-każ odjern l-esponent jeċċepixxi li mill-assjem tal-proċeduri in deżamina għalkemm il-każ ħa numru ta' snin ma kienx hemm dewmien irraġjonevoli.

6. L-allegazzjonijiet li jagħmel ir-rikorrent huma kollha infondati fil-fatt u fid-dritt.

7. Mingħajr ebda preġudizzju għall-premess u għall-ġieħ tal-argument biss, jekk din l-Onorabbli Qorti ssib li verament kien xi dewmien irraġjonevoli u allura tqis li għandha tagħti xi forma ta` rimedju lir-rikorrenti, dan ir-rimedju għandu jkun biss ta` kumpens bħala danni morali u mhux ta` danni materjali.

8. Għalhekk m`hemm l-ebda vjolazzjoni tad-dritt għal-smigħ xieraq.

Ikkunsidrat:

FATTI

Fl-20 ta' Marzu 2000, ġiet intavolata kawża fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili kontra r-rikorrenti, fl-ismijiet *Falzon Maria Dolores kontra Monica Debarro et,* per Onor. Imħallef Raymond Pace LL.D, ċitazzjoni numru 526/2000. L-attriċi talbet dikjarazzjoni li kellha titlu ta' kera fuq fond ġewwa Ħal Qormi u kundanna lill-konvenuti (ir-rikorrenti u Zebbug Company Limited għal kull interess li seta' kellha) għall-ħlas ta' Lm30,000 minnhom perċepiti b'mod frawdolenti taħt pretenzjonijiet foloz a skapitu tagħha bl-imgħax mid-data tal-preżentata taċ-ċitazzjoni sad-data tal-ħlas effettiv.

L-ewwel dehra kienet fil-5 ta' Mejju tas-sena 2000.

Fis-26 ta' Jannar 2001, mietet l-attriċi. B'digriet tal-1 t'Ottubru 2001, l-atti tal-kawża ġew trasfużi f'isem Catherine *sive* Rina Mifsud.

Waqt is-smigħ ta' din il-kawża, kien hemm diversi tibdil fil-ġudikanti li ppresedew fuq din il-kawża.

Il-provi tal-attriċi ġew iddikjarati magħluqa fis-seduta tat-25 ta' Settembru 2003. Sa dakinhar kienu jsiru seduti regolari bejn wieħed u ieħor kull xahrejn u l-attriċi ressqet għadd ta' xhieda u dokumenti prattikament f'kull seduta u anke fir-reġistru bejn seduta u oħra.

Il-provi tal-konvenuta ġew iddikjarati magħluqa fid-19 t'Ottubru 2006. Bejn l-għeluq tal-provi tal-atturi u dawk tal-konvenuti saru għadd ta' seduti li fihom il-konvenuti ressqu l-provi tagħhom b'mod regolari, kultant bil-mezz tal-affidavit; u ppreżentaw għadd ta' dokumenti.

Il-partijiet ippreżentaw noti ta' sottomissjonijiet u fis-seduta tat-8 ta' Frar 2007 għamlu t-trattazzjonijiet finali tagħhom bil-fomm u l-kawża tħalliet għas-sentenza għall-31 ta' Mejju 2007.

Minn din il-ġurnata 'l quddiem, is-seduti baqgħu jiġu differti, jew minħabba l-fatt li l-Imħallef sedenti kien indispost, jew minħabba l-fatt li l-Qorti riedet aktar żmien sabiex tagħti s-sentenza jew sempliċiment differita fuq ordni tal-Qorti.

Fis-27 ta' Frar tas-sena 2014, il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili preseduta mill-Onorevoli Imħallef Lorraine Schembri Orland ippronunzjat is-sentenza b'eżitu favur il-konvenuti billi ddikjarat li l-attriċi ma kellhiex interess ġuridiku.

Mill-ewwel differiment sad-data tas-sentenza din il-kawża ġiet differita 19-il darba. Is-sentenza ingħatat 6 snin, xahrejn u 15-il ġurnata wara li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

L-attriċi appellat mis-sentenza. L-appell ġie appuntat għas-smigħ 3 snin, 8 xhur u 19-il-ġurnata wara li l-attriċi ntavolat ir-rikors tal-appell. Fis-seduta tat-18 ta' Mejju tas-sena 2019, il-partijiet tramite l-avukati tagħhom trattaw l-appell, u l-Qorti tal-Appell ħalliet l-appell għas-sentenza għall-31 ta' Mejju 2019. Fis-17 ta' Ġunju 2019 ingħatat is-sentenza. Il-Qorti tal-Appell Superjuri laqgħet l-appell tal-attriċi, u b'hekk ħassret is-sentenza tal-Ewwel Qorti u ordnat lill-konvenuti konjuġi Debarro sabiex iħallsu lill-eredi tal-attriċi s-somma ta' €34,950 (Lm15,000 iġifieri nofs il-kapital mitlub) bl-imgħaxijiet kif mitluba, u ċioe` mill-20 ta' Marzu tas-sena 2000 sad-data tal-ħlas effettiv.

B'kollox din il-kawża ħadet 19-il sena u 18-il-ġurnata sabiex tgħaddi in ġudikat.

Ikkunsidrat:

RELAZZJONI BEJN IL-KOSTITUZZJONI U L-KONVENZJONI

Illi r-rikorrent qiegħed jallega li minħabba d-dewmien mhux raġonevoli li ħadu dawn il-Qrati biex qatgħu kawża ċivili kontrih sofra ksur tal-jedd fundamentali tiegħu għal smiegħ xieraq fi żmien raġonevoli taħt Art. 39(2) tal-Kostituzzjoni kif ukoll taħt Art. 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem (minn issa 'l quddiem imsejjħa "L-Konvenzjoni"). Għalhekk ir-rikorrent qiegħed jinvoka żewġ dispożizzjonijiet li għalkemm jixxiebħu ġejjin minn żewġ fonti tal-liġi differenti. Hi prattika kostanti tal-foro tagħna li d-dispożizzjonijiet ta' dawn iż-żewġ fonti jiġu ċċitati u invokati flimkien; kif wara kollox l-Att XIV.1987 (minn issa 'l quddiem imsejjaħ "l-Att") jiffakoltizza li jsir kemm fil-każ ta' rikors quddiem din il-Qorti li għandha l-"**ġurisdizzjoni oriġinali"** (Art 4(2) tal-Att) kif ukoll permezz ta' riferenza minn qrati oħrajn (Art. 46(3) tal-Kostituzzjoni). B'danakollu, wieħed għandu dejjem iżomm f'moħħu li fl-applikazzjoni tagħhom iż-żewġ fonti normattivi (i) jridu jinżammu distinti minn xulxin fit-tifsira, firxa

t'applikazzjoni, u rimedji li jistgħu jagħtu; (ii) f'każ ta' differenza jew ta' konflitt bejniethom jista' jkun meħtieġ jiġi deċiż liema waħda tkun ġerarkikament superjuri u allura jekk il-waħda tkunx applikabbli ad esklużjoni tal-oħra, inkella b'żieda mal-oħra, fl-ordni ġuridiku Malti.

Malta rratifikat il-Konvenzjoni u l-Ewwel Protokoll tagħha fit-23 ta' Jannar 1967. B'effett mid-19 t'Awwissu 1987, permezz tal-Att il-provvedimenti sostantivi tal-Konvenzjoni u l-Ewwel Protokoll saru parti mil-liġi domestika tagħna. Mhux hekk biss imma: id-drittijiet fundamentali elenkati fil-Konvenzjoni saru wkoll **"esegwibbli bħala parti mil-liġi ta' Malta"** (Art. 3(1)).

"**Liġi ordinarja**", hi definita mill-istess Att bħala "**kull dokument li għandu s-saħħa ta' liġi u kull regola ta' liġi mhux miktuba, minbarra l-Kostituzzjoni ta' Malta"** (Art. 2), safejn tkun inkonsistenti mal-Konvenzjoni tkun bla effett (Art. 3(2)). Fi kliem il-ġudikant u ġurista J.J. Cremona, ġgant tad-dritt kostituzzjonali[1], "*Thus there is now this hierarchy of norms: ordinary laws, Convention norms relating to human rights and fundamental freedoms, and the Constitution. Where the constitutional human rights provisions and those of the Convention fully accord, there is of course no problem; but where they do not, this hierarchy of norms comes into play, with the possibility of some ensuing interesting situations*.[2]"

A propożitu tal-*"interesting situations"* li jistgħu jinqalgħu, Cremona jirrimarka li "*It is true that under domestic law the Constitution remains supreme in the sense that, in the case of inconsistency with the Convention provisions, it is the Constitution which prevails (sections 2 and 3 of the Act). But then whenever, after the exhaustion of domestic remedies, a case is taken to Strasbourg... the European Court of Human Rights applies of course the Convention alone, and by*

[1] kien professor tal-Universita` ta' Malta; Prim Imħallef ta' Malta; Viċi President tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem; Chairman taċ-CERD tal-Ġnus Magħquda. Kien hu li abbozza l-Kostituzzjoni tal-Indipendenza.
[2] J.J. Cremona, Selected Papers 1946-1989, ippubblikat fil-1990, paġna 232

*the same 1987 Act its judgments are in fact enforceable in Malta as if they were judgments of the Constitutional Court. There is thus to this extent a certain underlying divergence between theory and practice in this area."*[3]

Ikkunsidrat:

DEWMIEN MHUX RAĠONEVOLI

Dwar id-dewmien, skont Art. 39(2) **"il-każ"** ta' kull persuna li titlob deċiżjoni minn qorti "**dwar l-eżistenza jew l-estensjoni ta' drittijiet jew obbligi ċivili tagħha"… għandu jiġi mogħti smiegħ xieraq għeluq <u>żmien raġonevoli.</u>"** Skont Art. 6, "**fid-deċiżjoni tad-drittijiet ċivili u tal-obbligi tiegħu… kulħadd huwa intitolat għal smiegħ… fi <u>żmien raġonevoli</u>."**[4]

Billi kemm Art. 39(2) kif ukoll Art. 6 jużaw il-frażi identika "żmien raġonevoli" ma tqum l-ebda kwistjoni ta' konflitt ta' liġi dwar il-parametri taċ-ċirkostanzi li jagħtu lok għall-konstatazzjoni ta' ksur ta' smiegħ xieraq minħabba d-dewmien, u m'hemm xejn xi jxekkel milli l-interpretazzjoni tagħha li tinghata mill-Qorti ta' Strasburgu tiġi addottata wkoll minn din il-Qorti u mill-Qorti Kostituzzjonali.

Skont il-gurisprudenza kostanti tal-Qrati Maltin, li tirrifletti dik tal-Qorti Ewropeja dwar id- Drittijiet tal-Bniedem, sabiex jigi stabbilit il-kwantum jew il-qies tad-dewmien fil-proceduri, il-Qorti trid tieghu kont ta' tlett

[3] J.J. Cremona, The Maltese Constitution and Constitutional History Since 1813, paġna 83, ippubblikat fil-1994
[4] enfasi miżjuda mill-Qorti

konsiderazzjonijiet[5] ewlenin u cioe` il-komplessita` tal-każ, l-imġieba ta' min ikun qed iressaq l-ilment; u s-sehem tal-awtorijiet konċernati fid-dewmien.

M'hemmx diverbju bejn il-partijiet dwar dan u għalhekk din il-Qorti mhix sejra tiddilunga wisq fuq dan il-punt. B'applikazzjoni ta' dawn il-kriterji għall-każ preżenti, jirriżulta li r-rikorrenti jaħtu, anke jekk f'parti żgħira, għad-dewmien billi damu 3 snin biex iressqu l-provi tagħhom bħala konvenuti. Ma jidhirx li l-każ kien xi wieħed kumpless.

IR-RIMEDJU

Ikkunsidrat:

Filwaqt li hemm konkordja bejn iż-żewġ sistemi normattivi applikabbli dwar iż-żmien raġonevoli li lil hinn minnu jkun hemm dewmien inġustifikat fil-kawżi, min-naħa l-oħra irid ukoll jiġi eżaminat jekk hemmx differenzi bejn iż-żewġ fonti normattivi dwar **ir-rimedji** li jistgħu jingħataw fil-każ li jiġi kkonstatat ksur tad-dritt għal smiegħ fi żmien raġonevoli.

Skont il-Kostituzzjoni, kull persuna li tallega ksur ta' jedd fundamentali tista' titlob lil din il-Qorti **"għal rimedju."** (Art. 46(1)) li **"tista' tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tiżgura t-twettiq"** (Art. 46(2)) tal-istess jedd. Il-Kostituzzjoni tagħna ma timponi <u>l-ebda limitu</u> la għat-tip ta' rimedju li jista' jintalab u jingħata u lanqas għat-tip ta' ordni li tista' tagħti din il-Qorti sabiex tiżgura t-twettiq effettiv tar-rimedju li jogħġobha tagħti fid-diskrezzjoni assoluta tagħha. Ir-

[5] VideinteraliaSydneyEllulSullivanvsIl-Kummissarjutal-Pulizijaet,QortiKostituzzjonalideciza28ta'Jannar 2013.

rimedju li tista' tagħti din il-Qorti skont il-Kostituzzjoni "*is not restricted, as in some other constitutions, to named remedies*."[6] Cremona jammonixxi li *"What on the practical plane gives special significance to the protection of these fundamental rights and freedoms is the provision which regulates their justiciability. Rights without remedies are of little practical value."*[7]

Skont il-Konvenzjoni, **"Kull min ikollu miksura d-drittijiet u libertajiet tiegħu kontemplati f'din il-Konvenzjoni għandu jkollu rimedju effettiv quddiem awtorita` nazzjonali..."** (Art. 13). [8]

Skont il-Qorti ta' Strasburgu, "*the place of Article 13 in the scheme of human rights protection set up by the Convention would argue in favour of <u>implied restrictions of Article 13 being kept to a minimum.</u>"*[9] *States have some discretion in the manner in which they abide by this obligation, whose scope will vary depending upon the nature of the compaint of a violation of the Convention. <u>However, the remedy must be effective in practice as well as in law.</u>*[10]

Skont Art. 41 tal-Konvenzjoni, **intitolat "Soddisfazzjon xierqa": "Jekk il-Qorti ssib li kien hemm ksur tal-Konvenzjoni jew tal- Protokolli tagħha, u jekk il-liġi interna tal-Parti Għolja Kontraenti kkonċernata tippermetti biss riparazzjoni parzjali, il-Qorti għandha tagħti s-soddisfazzjon xierqa lill-parti leża jekk ikun neċessarju."** *"The principle is that an applicant who has suffered a loss as a result of a violation of the Convention – the injured party - is entitled to be placed back in the situation before the loss occurred, to the extent that this is possible...*[11] *The exercise is similar in nature to that undertaken by civil courts when they award damages to a plaintiff. Of course, within the*

---

[6] J.J. Cremona, The Maltese Constitution and Constitutional History Since 1813, paġna 83, ippubblikat fil-1994
[7] J.J. Cremona, The Maltese Constitution and Constitutional History Since 1813, paġna 84, ippubblikat fil-1994
[8] Il-Konvenzjoni tistabbilixxi massimu ta' kumpens ta' €23,293.73 għall-każ speċjali kkontemplat in konnessjoni mal-Art. 3 tas-Seba' Protokoll li hemm mal-istess Konvenzjoni (Art. 4A tal-Att). Dan iżda ma jikkonċernax il-mertu ta' din il-kawża.

[9] Kudta v Poland (GC) no 30210/96, § 152, ECHR 2000-XI. L-enfasi ġiet miżjuda mill-Qorti.
[10] William A. Schabas, The European Convention on Human Rights (2015), paġna 550.
[11] William A. Schabas, The European Convention on Human Rights (2015), paġna 830.

*European Convention system it is the State rather than a private party that is required to pay the amount that has been awarded…*[12] *Pursuant to Art. 41, the Court may award monetary compensation if it considers this to be* ***"necessary"*** ("neċessarju"). *The Court has wide powers in making this determination. In the exercise of its discretion, 'the Court will have regard to all the circumstances of the case including the nature of the violations found as well as any special circumstances pertaining to the context of the case.'*[13]

Il-Qorti ta' Strasburgu spjegat li "*the principle underlying the provision of just satisfaction is that the applicant should, as far as possible, be put in the position he or she would have enjoyed had the violation of the Convention not occurred.*"[14] Din hija l-applikazzjoni tal-prinċipju antik tar-*restitutio in integrum.*

Skont il-Practice Direction, Just Satisfaction Claims tat-28 ta' Marzu 2007, para 10: *In establishing the amount of compensation for the purposes of pecuniary damages, the Court will consider the loss actually suffered (damnum emergens), but it may also take into account the loss, or diminished gain, to be expected in the future (lucrum cessans).*

*The European Convention contains no express reference to non-pecuniary damages. This has not, however, prevented the Court from making awards on this pasis as part of the just satisfaction. The case law has identified situations where the applicant has 'suffered evidence trauma, whether physical or pyschological, pain and suffering, distress, anxiety, frustration, feelings of injustice or humiliation, prolonged uncertainty, disruption to life, or real loss of opportunity,'*[15]

Mill-premess jidher li l-Konvenzjoni tħalli fl-ewwel lok f'idejn l-Istati Membri biex jistabbilixxu r-rimedju (Art. 13) u, fin-nuqqas ta' rimedju jew rimedju

[12] Ibid., page 833
[13] A. and others v The United Kingdom (GC) no 3455/05 § 250, ECHR 2009
[14] Andrejeva v Latvia (GC) no. 55707/00 § 111, ECHR 2009; Kingsely v the United Kingdom (GC) no 35605/97 § 40, ECHR 2002-IV
[15] Varnava and others v Turkey (GC) nos. 16065/90; Elsholz v Germany (GC) no 25735/94 §70 ECHR 2000-VIII u oħrajn.

adegwat, tissupplixxi r-rimedju l-Qorti Ewropeja (Art. 41). Ma tgħidx x'għandu jkun ir-rimedju, iżda tesiġi li jkun wieħed **effettiv.** Anke jekk indirettament, tramite l-Art. 41, tesiġi li l-rimedju għandu jikkonsisti jekk jista' jkun *f'restitutio in integrum* u fin-nuqqas f'kumpens adegwat, tali li jagħmel tajjeb għat-telf materjali u attwali kif ukoll it-telf futur u saħansitra tagħti, fejn ikun hemm lok, għad-danni mhux pekunjarji jew, kif nirreferu għalihom, għad-danni morali. (L-Art. 41 tal-Konvenzjoni mhux parti mil-Liġi Maltija).

Ikkunsidrat:

GURISPRUDENZA TAL-QORTI TA' STRASBURGU

Il-Qorti ta' Strasburgu tagħti kemm danni materjali kif ukoll danni morali. F'kawżi minħabba dewmien, tat danni materjali f'dawn il-każijiet[16]:

| | |
|---|---|
| Probstmeier v Germany | 15,000 DEM for real loss of opportunity from the effect of delay on applicability of rent provisions |
| Pommell v Germany | |
| Union Alimentaria v Spain | Award for depreciation of the value of the debt during the excessively long proceedings |

L-istess Qorti tat dawn id-danni morali minħabba dewmien f'kawżi ta'natura ċivili[17]:

| | |
|---|---|
| Richard Anderson v UK | €1,500 |
| Bhandari v UK | €7,000 (proċedura li damet 8 snin u xahrejn) |

[16] Kif irrappurtati minn Karen Reid, A Practitioner's Guide to the European Conventin on Human Rights, 5th ed.(2015) paġna 1108

[17] ibid., paġna 1127. Reid tiċċita każijiet oħrajn, ta' natura kriminali, li in segwitu tad-dewmien ingħata kumpens mhux pekunjarju

Ikkunsidrat:

GURISPRUDENZA DOMESTIKA

Ir-rikorrenti qegħdin jitolbu kumpens għall-ħlas t'imgħax żejjed.[18] L-intimat wieġeb li jekk hemm lok għal kumpens, dan għandu jkun biss għal danni morali u mhux ta' danni materjali.[19] Fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, ir-rikorrent jagħmel riferenza għal dawn is-sentenzi:

- **Antonio Gatt v Avukat Generali**[20] li fiha din il-Qorti, diversament ippreseduta, tat kumpens €10,000, għal danni morali biss. Il-Qorti ċċitat lil **Anton Camilleri v Avukat Generali**[21] li ċċitat lil **John Bugeja v l-Avukat Generali**[22] li qalet li l-kumpens m'għandux jieħu s-sura ta' eżerċizzju ta' likwidazzjoni tad-danni bħalma jsir fi proċess ċivili normali; u ċċitat lil **Gasan Enterprises Limited v Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar**[23] li skontha bħala regola ġenerali għandhom jingħataw id-danni morali bla preġudizzju għad-danni materjali.
- **Emmanuel Portelli v Avukat Generali**[24] li permezz tagħha l-Qorti Kostituzzjonali tat kumpens għal ansjeta' u frustrazzjoni.
- **Riccardo Pizzatti (recte: Pizzati) v Italy**[25] tal-Qorti Ewropeja li skont ir-rikorrent akkordat bejn €1,000 u €1,500 *non pecuniary damages* għal kull sena ta' dewmien mhux ġustifikat.
- **Victor Buttigieg v Avukat Generali**[26] ippronunzjata minn din il-Qorti diversament ippreseduta li tat kumpens ta' €21,000 b'applikazzjoni tal-prinċipji enunzjati, dejjem skont ir-rikorrent, f'***Pizzati***. Fil-fatt din il-Qorti tat kumpens ta' €9,000 li fuq appell, il-Qorti Kostituzzjonali rriduċiet għal €7,000.[27] Il-Qorti tiddeplora l-fatt li r-rikorrent iċċita figura ħażina u ma ndikax li sar appell. Il-Qorti Kostituzzjonali qalet hekk:

  "43. Dan pero` ma jfissirx li s-sejbien tal-vjolazzjoni jibbasta sabiex tiġi riparata l-vjolazzjoni sofferta. F'dan ir-rigward din il-Qorti tagħmel riferenza għad-deċiżjoni mogħtija minnha fit-3 ta' Frar 2012 fil-kawża

[18] Para. 19 tar-rikors promotur a fol 3 tal-proċess
[19] para 7 tar-Risposta tal-Avukat tal-Istat
[20] 27.06.2019 *coram* Onor. Imħ. Robert Mangion
[21] 22.04.2015 Prim'Awla (Sede Kostituzzjonali)
[22] 11.08.2003 Qorti Kostituzzjonali
[23] 03.02.2009 Qorti Kostituzzjonali
[24] 22.02.2013 *coram* Jacqueline Padovani Grima (appellata)
[25] 10.11.2004 Qorti ta' Strasburgu 62361/00
[26] 13.07.2017 *coram* Onor. Imħ. J P G
[27] 26.01.2018

flismijiet Vica Ltd v. Kummissarju tal-Artjiet et fejn irriteniet: "Din il-Qorti, iżda, tirritjeni li f'każijiet bħal dak odjern il-proċeduri kostituzzjonali għandhom il-għan illi jindirizzaw il-leżjoni tad-dritt fundamentali billi kemm jista' jkun ipoġġu liċ-ċittadin f'pożizzjoni daqs li kieku dan il-ksur qatt ma seħħ. Jekk wieħed irid jitkellem fuq standards allura dak stabbilit minn din il-Qorti f'każijiet simili hu fis-sens li għandu jingħata kumpens pekunjarju għal-leżjoni sofferta." Il-ġurisprudenza ċitata mill-Avukat Ġenerali.

"44. Finalment, din il-Qorti taċċenna għal dik il-parti tar-risposta tarrikorrenti appellati għar-rikors tal-appell tal-intimat, fejn huwa għoġbu jelenka xi ġurisprudenza rigwardanti kawżi ta' ksur tad-dritt ta' smigħ xieraq minħabba dewmien irraġonevoli u l-kumpens relattiv li ġie likwidat Rik. Kost. 53/16 28 f'kull każ. Skont il-kawżi ċitati minnu l-massimu tal-kumpens li ingħata għal dewmien irraġjonevoli (ta' iktar minn 20 sena) ma jeċċedix issomma ta' €3,000.

"45. Ir-rikorrenti appellati jargumentaw illi kull każ għandu l-fattispecie tiegħu u għalhekk li tiġi elenkata lista ta' kawżi bl-ammont tal-kumpens relattiv li ingħata fihom, huwa akkademikament inutli.

"46. Din il-Qorti fil-fatt taqbel illi l-kwantum tal-kumpens għandu jiġi kkalkulat wara li l-Qorti tkun ħadet in konsiderazzjoni ċ-ċirkostanzi partikolari ta' kull każ. Il-kumpens ma jiġix likwidat fl-astratt, abbażi biss tan-numru ta' snin li tkun twalet il-kawża. U għalhekk mhux il-każ li lQorti tara x'kumpens ingħata f'kawżi oħra abbażi biss tas-snin u tapplika valur simili. Fil-fatt fil-kawża Iris Cassar v Avukat Ġenerali (fuq ċitata) għal proċeduri li ħadu għoxrin sena, l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili illikwidat il-kumpens fl-ammont ta' €5,000 u l-Qorti Kostituzzjonali illikwidatu għal €8,000. Din il-kawża ma ssemmietx fost il-kawżi elenkati mill-intimat appellant)."

Min-naħa l-oħra, l-Avukat tal-Istat, fin-nota ta' sottomissjonijiet responsiva tiegħu, itenni li l-kumpens għandu jkun wieħed morali u mhux materjali.[28] In sostenn ta' dan jiċċita li John A. Said v Avukat Generali[29] fejn jingħad li "l-Qorti Kostituzzjonali ġeneralment ma takkordax danni materjali… imma tagħti kumpens bħala danni morali". Jiċċita wkoll lil Gasan Enterprises Limited v

[28] para 11 a fol 38
[29] 11.11.2011 Qorti Kostituzzjonali

Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar[30] li qalet li f'każijiet bħal dawn, "ir-rimedju għandu jkun, bħala regola, kumpens konsistenti f'danni morali li jkunu jirrispekkjaw id-dewmien inġustifikat… bla preġudizzju għad-danni materjali ossia reali li dak id-dewmien seta' effettivament ikkawża."

L-Avukat tal-Istat ta' indikazzjoni dwar l-ammonti likwidati f'każijiet simili:

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Lm700 | 11-il sena sakemm inqatgħet mill-Qorti tal-Appell. Ma ntalbux danni materjali. L-Ewwel Qorti tat Lm1700 u l-Qorti Kostituzzjonali rriduċiet is-somma ta' Lm700 għal danni mhux pekunjarji | 23.01.1995 | Major Peter Manduca v Prim Ministru | Qorti Kostituzzjonali |
| €700 | 13-il sena u 5 xhur (kawża ċivili). Ma nstabx ness bejn il-vjolazzjoni u t-telf pekunjarju. Il-kumpens ingħata għal danni morali | 28.09.2012 | Joseph Camilleri v Avukat Generali | Qorti Kostituzzjonali |
| €700 | 17-il sena (kawża ċivili). Damet 7 snin differita għas-sentenza. Qorti akkordat danni morali biss. | 22.02.2013 | Emanuel Portelli v Avukat Generali | Qorti Kostituzzjonali |
| €1,000 | Rikorrenti ħallsu mgħax minħabba dewmien. Differita għal 7 snin "għas-sentenza". Ingħataw danni morali | 11.11.2011 | John A. Said v Avukat Generali | Qorti Kostituzzjonali |

[30] 03.02.3009 Qorti Kostituzzjonali

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | biss abbażi li l-Qorti Kostituzzjonali normalment "ma takkordax danni ċivili". | | | |
| €465 | Kawża kriminali. Il-Qorti akkordat din is-somma "bħala kumpens għad-dewmien" bla ma speċifikat x'tip ta' danni kienet qiegħdha tagħti. Jidher li kienu morali biss. | 03.07.2008 | David Martinelli v Avukat Generali (dewmien f'kawża kriminali) | Prim'Awla (Sede Kostituzzjonali) |
| €2,500 | 24 sena biex inqatgħet kawża ċivili. Il-Qorti ma semmietx x'tip ta' kumpens kienet qiegħdha tagħti. Imma jidher li kienu danni morali | 02.07.2013 | Dr. Tancred Busuttil v Avukat Generali | Prim'Awla (Sede Kostituzzjonali) |
| €2,000 | Kawża ċivili. Tħallas imgħax iktar mill-kapital minħabba dewmien. | 04.11.2020 | Mario Camilleri v Avukat Generali | Prim'Awla (Sede Kostituzzjonali)(mhux appellata) |

Ikkunsidrat:

ĦLAS ŻEJJED T'IMGĦAX MINĦABBA DEWMIEN

Illi mill-ġurisprudenza suċċitata, hemm tlett kawżi dwar dewmien li fihom, bħal

fil-każ preżenti, intalab kumpens għal imgħax żejjed li r-rikorrent kellu jħallas:

(i) **Victor Buttigieg v Avukat Generali** suċċitata u li kif ġja` ngħad akkordat kumpens abbażi tad-danni morali biss.

(ii) **John A. Said v Avukat Generali.** F'dan l-aħħar każ, il-kawża li lmenta minnha r-rikorrent kienet damet 7 snin għas-sentenza. Din il-Qorti (diversament ippreseduta) akkordat €1,000 għal "danni materjali u morali" mingħajr ma speċifikat liema ammont kien għal danni materjali u liema għal danni morali. Il-Qorti Kostituzzjonali ikkonfermat is-sentenza tal-Prim'Istanza. Hija ċċitat sentenza preċedenti tagħha - **F. Said v Avukat Generali**[31] – il-kunjom kumbinazzjoni l-istess – li rriteniet li r-rimedju għad-dewmien jista' javarja minn sempliċi dikjarazzjoni ta' leżjoni, għal danni morali jew, eċċezzjonalment, anke għal danni materjali. Tenniet il-pożizzjoni ta' **F. Said** li ġeneralment ma tagħtix danni materjali imbagħad qalet (kategorikament) li "Il-Qorti Kostituzzjonali ma takkordax danni ċivili." U li għalhekk l-ewwel Qorti ma jirriżultax li kellha f'moħħha danni materjali.

(iii) **Mario Camilleri v Avukat Generali**[32] Ir-rikorrent intalab iħallas €8,754.47 f'kawża ċivili miftuħa quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Sede Civili) fit-2009. Tħalliet għas-sentenza fl-10.04.2013 iżda nqatgħet fit-28.11.2018. L-imgħax tela' iktar mill-kapital ċjoe` €8,949.23. Il-Qorti ċċitat għadd ta' sentenzi li taw kumpens morali. Akkordat kumpens ta' €2,000 bla ma speċifikat kienx għal danni materjali jew morali; iżda fil-parti razzjonali tas-sentenza qalet li kienet sejra tieħu in kunsiderazzjoni l-ħlas t'imgħax żejjed.

Fl-ebda waħda minn dawn it-tlett kawżi ma jidher li ngħata kumpens materjali għat-telf ta' mgħax.

[31] 03.02.2009 Qorti Kostituzzjonali
[32] 04.11.2020 mogħtija minn din il-Qorti diversament ippreseduta u mhux appellata.

Ikkunsidrat:

EVALUWAZZJONI TAL-ĠURISPRUDENZA

Mir-rassenja tal-ġurisprudenza suċċitata sfortunatament jirriżulta li din mhix għal kollox konkordi, anke saħansitra fil-livell tal-Qorti Kostituzzjonali. Din il-Qorti taqbel mar-raġunament **f' Joseph Camilleri v Avukat Generali** li fih i**l**-Qorti Kostituzzjonali, għalkemm akkordat danni morali biss, għamlet dan għaliex l-allegat dannu materjali ma ġiex ippruvat. L-Avukat tal-Istat naqas li jiċċita dan il-bran minn din is-sentenza:

> **"27. Ghar-ragunijiet kollha msemmija, in vista tad-dewmien komplessiv ta' cirka hames (5) snin u tliet (3) xhur fi stadji diversi tal-proceduri fl-ewwel istanza kif gie stabbilit minn din il-Qorti aktar kmieni f'din is-sentenza kkunsidrat ukoll fil-kuntest ta' proceduri civili li fit-totalita` taghhom hadu aktar minn tlettax-il sena u hames xhur sakemm gew finalment determinati din il-Qorti hi tal-fehma li l-process civili inkwistjoni ma giex determinat b'mod finali fi zmien ragjonevoli u l-aggravji tal-appellant f'dan ir- rigward qeghdin jigu milqugha u li ghalhekk qieghed jigi dikjarat li kien hemm lezjoni tad-dritt tar-rikorrent Joseph Camilleri sancit bl-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni.**
>
> **"28. Din il-Qorti trid ghalhekk taghti rimedju lill-appellant. Dan hu li tesigi l-ligi. Jkunx dan ir-rimedju f'kundanna ghal hlas ta' danni, ghal hlas ta' damnum emergens jew ghal hlas ta' lucrum cessans, jew ikunx ghat-tnejn f'daqqa jew ghal kollox jew in parti, jew addirittura, jkunx rimedju xort'ohra konsistenti f'dikjarazzjoni tal-vjolazzjoni wahedha jew akkompanjata minn ordnijiet ohra, hu mholli ghal kollox fid-diskrezzjoni tal-Qorti[33] purche` li r-rimedju li jinghata jkun konformi mal-ordinament guridiku taghna[34]. Dan ir-rimedju ghandu jkun wiehed x'aktarx kumpensatorju[35] kif kwazi invarjabilment kien f'kawzi bhal dik tal-lum. Jibqa' l-fatt, izda, li l-kompetenza kostituzzjonali u l-kompetenza civili ghandhom jibqghu separati u distinti anke ghaliex ir-rikors taht kull kompetenza hu regolat bi**

[33] Ara inter alia Q Kost, John Bugeja v. Avukat Generali, 11 Awwissu 2003 #28
[34] Q Kost, Michael Xerri et. v. Av. Michelle Tabone noe.,
[35] Q Kost, Colin John Trundell v. Onor. Ministru tal-Affarijiet Barranin et., 22 April 1991;

**proceduri appositi b'finalita` ta' rimedju mhux dejjem identiku[36]. Hekk il-kumpens li jinghata fil-proceduri kostituzzjonali jrid ikollu ness ta' kawza u effett bejn il-hsara allegatament sofferta u l-leżjoni kostituzzjonali jew konvenzjonali li tigi riskontrata mill-Qorti."**

Raġunament li jaqbel mad-disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni tagħna li ma jagħmlu l-ebda restrizzjoni fuq l-għoti ta' danni materjali f'kawżi ta' din ix-xorta, purke` jkun hemm ness bejn il-vjolazzjoni tal-jeddijiet fundamentali u l-istess danni. Fejn il-liġi hija ċara, m'għandhiex tkun soġġetta għal interpretazzjoni; partikolarment mhux interpretazzjoni restrittiva. Dan mhux biss b'applikazzjoni ta' għadd ta' prinċipji antiki u ben stabbiliti, fosthom li *ubi lex voluit, dixit,* dak tar-*restitutio in integrum*, u *ubi lex non distinguit, nec nos distinguere debemus*, imma wkoll skont id-disposizzjonijiet tal-Konvenzjoni fuq imsemmija kif ukoll l-orjentament tas-sentenzi tal-Qorti ta' Strasburgu. Fl-aħħar mill-aħħar, hija l-liġi, u l-interpretazzjoni ġusta tagħha skont il-prinċipji ermenewtiċi stabbiliti, li din il-Qorti għandha d-dover li tħares u tapplika, u mhux lejn x'ikunu qalu sentenzi partikolari, anke jekk il-prinċipji fihom enunzjati, speċjalment jekk ikunu ppronunzjati mill-ogħla Qorti ta' pajjiżna, jew mill-Qorti ta' Straburgu, m'għandhomx jiġi skartati leġġerment jew kapriċċożament.

Għalhekk ċertament, b'applikazzjoni ta' dawn il-prinċipji li huma l-iktar konformi mal-ittra u l-ispirtu tad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni, ir-rikorrenti għandhom jedd kemm għal kumpens materjali, konsistenti fil-ħlas t'imgħax żejjed li ħallsu, kif ukoll, jekk il-Qorti jidhrilha opportun, għal kumpens għad-danni morali.

Ikkunsidrat:

Il-kawża in kwistjoni bdiet fl-20 ta' Marzu 2000 u nqatgħet fl-Appell fil-31 ta'

---

[36] Q Kost, Emanuel Ciantar v. Kummissarju tal-Pulizija, 2 Novembru 2001; Q Kost, Anthony Mifsud v. Supt. Carmelo Bonello et., 18 Settembru 2009 #49

Mejju 2019 u ċjoe` damet 19-il sena. L-attriċi għalqet il-provi tagħha wara tlett snin u l-konvenuti damu tlett snin oħra biex għalqu l-provi tagħhom. Inqatghet mill-Prim'Istanza fis-27 ta' Frar 2014 u ċjoe` wara ċirka 14-il sena. Damet fuq 6 snin mill-għeluq tal-provi sakemm ġiet ippronunzjata s-sentenza. Il-Qorti tqis li d-dewmien ta' sitt snin biex jinġabru l-provi mhux ġustifikat. Jaħtu in parti r-rikorrenti li biex ressqu l-provi tagħhom damu 3 snin; daqs kemm damet l-attriċi. Taħti wkoll il-Qorti li ma kellhiex tippermetti li t-tressiq tal-provi jitħalla jitqattar b'dan il-mod. L-istennija ta' tlett snin biex jinqata' l-appell lanqas huwa ġustifikat. Il-kawża kellha tieħu, raġonevolment, 3 snin biex tinqata' fil-Prim'Istanza u sentejn oħra mill-appell. Għalhekk damet ftit iktar minn 14-il sena iżjed milli suppost. Is-sorte li r-rikorrent ġie kkundannat iħallas fil-proċeduri li twalu iktar minn żmien raġonevoli hi ta' €15,000. (€34,950).

Imgħax: €34,950 x 8% mill-20.03.2000 sa 17.06.2019 jammonta għal €39,144. Fiċ-ċirkostanzi, l-Qorti sejra żżid €3,000 danni morali. Total: €42,144. Mhix se tillikwida kumpens oltre d-data tas-sentenza finali billi minn din id-data r-rikorrenti messhom ħallsu dak dovut minnhom.

Għal dawn il-motivi, l-Qorti

1. **Tilqa' l-ewwel talba billi tiddikjara** li d-drittijiet tar-rikorrenti għal smigħ xieraq fi żmien raġonjevoli, hekk kif protett mill-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, ġew vjolati bid-dewmien tal-kawża ċivili fil-konfront tagħhom li damet 19-il sena u 18-il ġurnata.

2. **Tilqa' t-tieni talba billi tillikwida** ammont ta' danni pekunarji u non-pekunarji sofferti mir-rikorrenti kawża tal-leżjoni tad-dritt għas-smigħ xieraq fis-somma komplessiva ta' €42,144, imqassma kif fuq ingħad.

3. **Tilqa' t-tielet talba billi tikkundanna** lill-intimat Avukat tal-Istat iħallas is-somma hekk likwidata.

Bl-ispejjeż kontra l-intimat.

Moqrija.

ONOR. IMĦALLEF

GRAZIO MERCIECA